# MILL-EKU TAS-SENA INTERMEDJARJA

## FABIO CINI

L-esperjenza tas-Sena Intermedjarja, jew kif ġieli nsejħulha wkoll "is-Sena Barra", ħaditni ftit 'l bogħod, fuq in-naħa l-oħra tal-globu. Ninsab ġewwa Izabal, wieħed mid-dipartimenti tal-pajjiż tal-Amerika Ċentrali, il-Gwatemala. F'dan id-dipartiment, li huwa wkoll Vikarjat Appostoliku, hawn żewġ Missjunarji Għawdxin: Dun Anton Grech u Dun Mario Curmi.

Jien qed nagħmel l-esperjenza tiegħi fil-parroċċa ta' *Santo Hermano Pedro* li hija l-parroċċa li tagħha Dun Anton huwa kappillan. Il-parroċċa hija waħda mdaqqsa u f'port, l-ikbar port tal-Gwatemala li jagħti għall-baħar Atlantiku. Minbarra ċ-ċentru, il-parroċċa tinkludi wkoll madwar tletin villaġġ żgħir imxerdin fil-ġungla ta' *San Gil* li ddawwar il-parroċċa.

L-esperjenza missjunarja hi waħda tassew varjata u titlob li wieħed jagħmel ftit minn kollox. Waħda mill-attivitajiet prinċipali hi ż-żjajjar fil-villaġġi, li wħud minnhom jitkellmu lingwa indiġena magħrufha bħala *Q'eqchi*. Ta' kull xahar, inżuru dawn il-villaġġi fejn Dun Anton jiċċelebra l-quddiesa, jamministra xi sagramenti oħra, kif ukoll inqassmu xi għajnuna li jkun hemm bżonn bħal ikel, ħwejjeġ u mediċina.

Minbarra dan, qed nagħmel ukoll esperjenza f'diversi gruppi li hemm fil-parroċċa fosthom il-gruppi taż-żgħażagħ, il-grupp tal-abbatini u l-grupp tal-iscouts li ġie mwaqqaf f'dawn l-aħħar xhur. F'xi ġranet ukoll nagħti s-sehem tiegħi fid-diversi proġetti li Dun Anton qed wettaq fosthom dak ta' *Casa Santa Izabel* li hi dar li tilqa' tfal u ommijiet żgħażagħ li jkollhom bżonn xi tip ta' għajnuna, dak tal-istazzjoni televiżiv *Stella Maris*, kif ukoll dak tal-*garbage village* li jinkludi tqassim ta' għajnuna lill-familji li jgħixu miż-żibel li jintrema fil-miżbla taż-żona tagħna.

Matul din is-sena stajt napprezza kemm hi xi ħaġa sabiħa l-esperjenza Missjunarja u kemm verament il-Missjoni hi waħda mill-isbaħ affarijiet li għandha l-Knisja.



## ANTHONY JOE BORG

F'waħda mill-udjenzi riċenti ta' Papa Franġisku, hu jgħidilna li l-missjoni ta' kull nisrani hija dik li jwassal il-Vanġelu. Dan dejjem għandu jsir fil-komunità mingħajr proselitiżmu (timbotta lil xi ħadd biex jikkonverti) għax din ma tkunx evanġelizzazzjoni vera. Qiegħed ninqeda b'dawn il-kliem għaliex inħoss li jiddeskrivi tajjeb ħafna s-sena intermedja tiegħi. Din is-sena qed ngħixha flimkien ma' komunità ta' disa' saċerdoti Salesjani ġewwa l-Oratorju Michele Rua li jinsab fin-naħa ta' fuq tal-Belt ta' Turin f'żona li hija magħrufa bħala "Bariera di Milano". Din hija żona żagħżugħa li fiha jgħixu bosta emigranti li ġew hawn għal raġunijiet ta' xogħol prinċipalment.

Il-ħidma li qed nagħmel hija marbuta mal-attivitajiet li jorganizza l-oratorju. Dan il-post kull ġimgħa jiftaħ il-bibien tiegħu għal għexieren ta' tfal u żgħażagħ li jiġu sabiex jilagħbu, jistudjaw u jiddevertu flimkien. Huwa permezz tal-animazzjoni u l-għajnuna li noffru fl-oratorju li jiena qed ngħix din l-esperjenza differenti ta' evanġelizzazzjoni. Aktar milli noffru lezzjonijiet tal-katekiżmu jew nitkellmu dwar Ġesù, hawn nippruvaw ngħinu lit-tfal u ż-żgħażagħ jagħrfu jkunu persuni ġusti, onesti u fuq kollox li jwasslu l-imħabba. Fi ftit kliem, li jgħixu ta' persuni li huma maħluqa fuq xbieha ta' Alla. Barra minn hekk, jien ngħin ukoll fl-iskola medja, u fid-dopo scuola tal-oratorju fejn ngħin waqt il-lezzjonijiet tal-Ingliż, u fil-ħin tal-istudju.

Element ieħor importanti li qed ngħix din is-sena huwa s-sens ta' komunità li hija magħmula minn saċerdoti, tfal, żgħażagħ, familji, u anzjani li tiltaqa' u tgħix flimkien bħala familja li tiċċelebra u anki twassal l-Vanġelu mhux biss fl-attivitajiet u festi ta' kull xahar, imma ukoll ta' kuljum fid-diversi gruppi u servizzi li joffri dan l-oratorju. Għalhekk nista' ngħid li matul din l-esperjenza qed nagħraf aktar xi tfisser l-evanġelizzazzjoni fil-konkret, li tingħax fil-komunità. Grat ukoll li għandi xorti kbira li din l-esperjenza qed nagħmilha taħt id-dell ta' wieħed mill-akbar qaddisin soċjali: San Ġwann Bosco.



sem&u

April 2023
Ħarġa nru 23

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex 2155 6479
majorseminary@gozodiocese.org
www.sacredheartseminary.org.mt

Ninsabu ftit ġimgħat 'il bogħod mill-Jum tal-Vokazzjonijiet li din is-sena ser jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 30 ta' April. Dan il-jum jiġi ċċelebrat fir-Raba' Ħadd tal-Għid, il-Ħadd tar-Ragħaj it-Tajjeb. Spiss nisimgħu l-kelma 'vokazzjoni'. Però xi tfisser b'mod konkret? F'din l-okkażjoni rajna ftit xi tfisser għall-membri tal-komunità tas-Seminarju din il-kelma.

Hija s-sejħa partikulari ta' Alla li jħobbna, sabiex inħobbu b'mod konkret.
*Dun Richard N. Farrugia*

Hija s-sejħa partikulari li Alla jagħmel lil kull wieħed u waħda minna, fejn imbagħad aħna lkoll imsejħin sabiex inwieġbu għal din is-sejħa.
*Matthew Borg*

*Alla, li jafni u jħobbni b'mod perfett, jippreżentali proposta ta' ħajja li jekk nagħżilha u ngħixha twassalni għall-ferħ veru u sens ta' fulfillment f'ħajti.*
*Franklin Micallef*

*Hija sejħa biex tagħti ħajtek għall-oħrajn.*
*Dun Samuel Grech*

**Vokazzjoni**
/vəʊˈkeɪ.ʃən/ ***nom***

Impuls qawwi jew inklinazzjoni lejn attività jew karriera partikolari.

Sejħa divina għall-qadi u s-servizz ta' Alla jew tal-ħajja nisranija.

Funzjoni jew stat ta' ħajja fejn wieħed huwa msejjaħ minn Alla.

Hija l-mod ta' kif Alla jsejjaħli biex inħobb b'mod sħiħ. L-għarfien li Alla jħobbni jwassalni biex nipprova nħobb lill-oħrajn kif ħabbni l-ewwel il-Mulej.
*Samuel Aquilina*

Mhijiex xi ħaġa tal-qassisin jew tas-sorijiet biss, iżda hija s-smigħ kontinwu li kull bniedem jagħmel biex, fuq il-passi ta' Ġesù, jiskopri aħjar ix-xewqa ta' Alla għalih flimkien mal-libertà personali u r-realtà ta' madwaru.
*Matthew Bajada*

Dik it-triq li Alla jippjana għalina sabiex tgħinna ħalli aħna nħobbu iktar lil Alla u lill-persuni ta' madwarna.
*Marlon V. Bajada*

Għalija tfisser li nfittex li ningħaqad ma' Alla b'mod sħiħ.
*John Xerri*

*Hija sejħa mingħand Alla u għotja totali tal-ħajja tagħna. Il-vokazzjoni hija mħabba, li tagħmel kollox b'imħabba u b'dedikazzjoni.*
*Sr Ġużeppina, Sr Clementia, Sr Shanti*

Il-mod ta' kif twieġeb għal dak li Alla qiegħed jistiednek sabiex tagħmel f'ħajtek.
*Matthew Attard*

**IL-KOMUNITÀ TAS-SEMINARJU** tawgura

*l-Għid it-Tajjeb*

lill-Qarrejja, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi kollha.

# MILL-GĦATBA ’L ĠEWWA...

Il-Ġimgħa 6 ta’ Jannar is-seminaristi rritornaw lura s-Seminarju wara l-waqfa għall-vaganzi tal-Milied.

Is-Sibt 7 ta’ Jannar is-seminaristi attendew flimkien mal-kleru Għawdxi għal-Laqgħa tal-Awguri tal-Isqof fil-bidu ta’ sena ġdida. Il-laqgħa saret f’Villa Fiorita li għaliha kien hemm preżenti wkoll in-Nunzju ġdid għal Malta u Għawdex, Mons. Savio Hon Tai-Fai SDB.

It-Tnejn 9 ta’ Jannar id-djaknu Matthew Bajada ppreżenta t-talba tiegħu lill-isqof għall-Presbiterat.

Il-Ġimgħa 13 ta’ Jannar il-komunità tas-Seminarju laqgħet fis-Seminarju seba’ familji Għawdxin li f’Novembru kienu laqgħu fid-dar tagħhom seminarista. F’dan il-mument il-*formators* flimkien mal-isqof kellhom laqgħa u diskussjoni mal-ġenituri dwar is-sitwazzjonijiet tal-familji llum u l-importanza li s-seminaristi jkunu f’kuntatt dirett ma’ dawn ir-realtajiet.



Is-Sibt 21 ta’ Jannar, lejlet Ħadd il-Kelma t’Alla, ir-Rettur il-Kan. Richard N. Farrugia mexxa ċelebrazzjoni Marjana fil-kappella tas-Seminarju li waqtha ġiet imbierka l-ikona ta’ din is-sena. L-ikona nkitbet minn Dun Peter Paul Sultana li matul din iċ-ċelebrazzjoni spjega t-tifsira ta’ diversi dettalji fl-ikona. L-ikona hija mibnija fuq it-tema tas-sena, ispirata mis-silta ta’ Lq 1, 39-45 b’enfasi partikolari fuq il-frażi “qamet u marret tħaffef”.



Mit-Tnejn 23 ta’ Jannar beda żmien l-eżamijiet. L-eżamijiet spiċċaw it-Tlieta 7 ta’ Frar.

Mit-Tlieta 7 sas-Sibt 11 ta’ Frar, is-seminaristi qattgħu jiem ta’ mistrieħ flimkien fi tmiem l-ewwel semestru.



L-Erbgħa 15 ta’ Frar fis-7.00pm il-komunità tas-Seminarju kellha laqgħa mas-Sur Joseph Rapa, ekonomu, li tkellem dwar prinċipji fundamentali fl-ekonomija u anke ddiskuta r-rapport bejn l-ekonomija u l-fidi fid-dinja tal-lum.

Il-Ġimgħa 17 ta’ Frar is-seminaristi żaru s-Sixth Form Sir M. A. Refalo fejn daru l-klassijiet kollha u qasmu messaġġ vokazzjonali. Wara qattgħu nofstanhar fil-foyer tal-iskola jagħmlu l-*crêpes* u jitkellmu mal-istudenti.

Il-Ħamis 15 ta’ Frar is-seminaristi Matthew Borg u Franklin Micallef ippreżentaw it-talba tagħhom għall-Ordinazzjoni Djakonali.

It-Tlieta 21 ta’ Frar ir-Rettur mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tħabbira tar-Randan li kienet tinkludi wkoll Lectio Divina fuq il-Vanġelu tal-Ewwel Ħadd tar-Randan.

L-Erbgħa 1 ta’ Marzu l-laqgħa tal-kappillani saret fil-*conference room* fis-Seminarju. Wara l-kappillani ngħaqdu mal-komunità tas-Seminarju għall-ikel fir-refettorju.

Matul iż-żmien tar-Randan il-komunità kellha mumenti partikulari ta’ talb, sawm u karità bl-għan li kull seminarista jgħix dan iż-żmien ta’ konverżjoni u tiġdid. Il-Ġimgħa kienet issir adorazzjoni li kienet tinkludi l-adorazzjoni tas-salib fuq stil ta’ Taizè, u inizjattivi ta’ għajnuna lill-persuni fil-bżonn.



Waħda mill-inizjattivi saret is-Sibt 4 ta’ Marzu fejn is-seminaristi marru jżuru lil xi saċerdoti anzjani jew morda li jinsabu fi djarhom u li ma tantx għadhom joħorġu.

Il-Ġimgħa 10 ta’ Marzu fis-Seminarju ġie ċċelebrat is-37 anniversarju mid-dedikazzjoni tal-Kappella tas-Seminarju.

It-Tlieta 14 ta’ Marzu s-seminaristi stiednu lil xi gruppi tal-vokazzjonijiet li ngħaqdu magħhom għall-adorazzjoni fis-7pm u wara baqgħu magħhom għall-ikel.

Is-Sibt 18 ta’ Marzu ġie organizzat *pasta night* fis-Seminarju. Nirringrazzjaw lill-volontiera li ħadmu u stinkaw biex tiġi organizzata din l-attività b’risq is-Seminarju. Grazzi wkoll lil dawk kollha li attendew.





It-Tnejn 20 ta’ Marzu ġiet iċċelebrata s-solennità trasferita ta’ San Ġużepp. Filgħaxija r-Rettur mexxa l-quddiesa tas-solennità li matulha s-seminarista Matthew Borg għamel il-ħsieb tal-okkażjoni. Wara l-quddiesa, li għaliha kienu mistiedna l-ħaddiema u l-volontiera li jaħdmu fis-Seminarju, komplejna s-serata b’ikla tal-okkażjoni flimkien.

Bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa: it-Tnejn 27 ta’ Marzu saret ċelebrazzjoni penitenzjali fis-Seminarju; l-Erbgħa 29 id-direttur spiritwali mexxa korrezzjoni fraterna bejn is-seminaristi; il-Ħamis 30 il-komunità tas-Seminarju talbet il-Via Sagra u ċċelebrat l-quddiesa fuq l-Għolja t’Għammar.

Mill-Ħadd 30 sal-Erbgħa 5 ta’ Marzu sar l-irtir tal-Ġimgħa Mqaddsa f’Dar Stella Maris, iż-Żebbuġ, li tmexxa minn Dun Kevin Sciberras.

Is-seminaristi jirritornaw is-Seminarju wara l-waqfa tal-vaganzi tal-Għid nhar it-Tnejn 17 ta’ April.

## MESSAĠĠ MILL-PASTORAL MENTOR DUN GIOVANNI CURMI

### IL-KOMPASSJONI BĦALA TRIQ TA’ DIXXEPOLAT MISSJUNARJU

Tul iż-żmien kollu tal-Għid u kull nhar ta’ Ħadd, il-Knisja tifraħ hi u tfakkar il-ġrajja tal-qawmien mill-mewt ta’ Ġesù. Il-qawmien ta’ Ġesu mhux biss ġrajja storika tal-passat, imma ġrajja kontinwa li ssejjaħ lill-komunità Nisranija biex tkun ħolqien ġdid fi Kristu, u tilbes lil Kristu, il-bniedem il-ġdid. Kif jgħallimna San Pawl, permezz tal-magħmudija, aħna nissieħbu fil-mewt u l-qawmien ta’ Ġesù Kristu mill-mewt. Dan ifisser li kull darba li niċċelebraw il-ġrajja tal-Għid tal-Mulej, aħna rridu nimxu aktar ’il quddiem fit-triq tal-qdusija u fil-qrubija tagħna lejn Kristu. Ifisser ukoll li aħna nnsiru ġebel ħaj fil-komunità ta’ dawk li jemmnu, il-Knisja, il-ġisem mistiku ta’ Kristu, u fl-esperjenza umana u tal-fidi tagħna aħna ntemmu “dak li jonqos mit-tbatijiet ta’ Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja” (Kol 1,24). Dan nistgħu nagħmluh b’ħafna modi, imma b’mod partikulari nagħmluh meta ngħorru l-esperjenza tat-tbatija fil-ħajja tagħna f’għaqda ma’ Kristu jew inkunu qrib ta’ min ikun iġorr is-sinjali tas-salib fil-ħajja. Permezz tal-membri u tal-istrutturi tagħha, il-Knisja tipprova tkun qrib ta’ min iġarrab it-tbatija: il-morda, il-persuni b’diżabilità, il-foqra, il-migranti, il-ħabsin u tant persuni oħra li jġarrbu esperjenzi ta’ vulnerabilità. Anki fil-gżira tagħna l-Knisja qed tipprova tkun qrib u timxi flimkien b’kompassjoni ma’ min ibati. Bħala dixxipli, ilkoll imsejħin inkunu missjunarji tal-karità u tal-kompassjoni.

**GĦIN LIS-SEMINARJU JKOMPLI L-MISSJONI TIEGĦU!**
Tista’ tgħaddi d-donazzjoni tiegħek ma’ xi saċerdot jew permezz ta’ bank transfer:
**APS Account Number:** 2000162755-8
**IBAN Number:** MT27APSB77035008161820001627558
*Grazzi tal-ġenerożita’ tiegħek!*